# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2602

**Kaz Numru 3349/CC**

**Nazzareno Galea (ID 792258M) ghammess ghall-ghajnuna legali**

**u**

**V & C Construction Ltd u li b'digriet datat 25 ta' Marzu, 2015, issir korrezzjoni fl-occhio fejn il-kelma Construction ghandha tigi Contractors**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**<u>Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 5 ta' Gunju, 2019**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Nazzareno Galea fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar is-17 ta' Frar, 2015, fejn sostna li l-impjieg tieghu gie terminat b'mod ingust. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impjieg saret fil-perjodu ta' *probation* u ghal raguni tajba u bizzejjed ai termini tal-ligi.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm sbatax-il seduta fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Nazzareno Galea li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assitenza ta' Dr. Simon Micallef Stafrace u Dr. Carina Nagiah.

V & C Contratctors li minn issa l-quddiem ser tiissejjah s-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Vincent Borg assistit minn Dr. Massimo Vella.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien gie mpjegat mas-Socjeta' ntimata fl-10 ta' Lulju, 2014, bhala Labourer fuq bazi *full-time.*

Nhar is-7 ta' Novembru, 2014, l-Appellant kellu ncident fuq il-lant tax-xoghol u konsegwenza t'hekk ma baqax jidhol xoghol ghaliex kien fuq *injury leave*.

Ir-raguni tat-tmiem tal-impjieg tal-Appellant li l-Employer indika fuq it-*termination form* tal-Jobsplus kienet li huwa (l-Appellant) kien irrizenja. Tali formola waslet ghand il-Jobsplus fl-19 ta' Dicembru, 2014, u kienet tindika d-data tat-tmiem tal-impjieg bhala s-7 ta' Novembru, 2014.

L-Appellant jghid li huwa qatt ma rrizenja mix-xoghol u ma kienx jaf li ntemmlu l-impjieg qabel ma rcieva notifika minghand il-Jobsplus, nhar l-1 ta' Jannar, 2015.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Nazzareno Galea** xehed li huwa kien jahdem ma' V & C Contractors u li kien jithallas minn hemmhekk. Mitlub jikkonferma jekk huwa kienx beda jahdem mas-Socjeta' ntimata fl-10 ta' Lulju, 2014, huwa qal li ma jiftakarx bl-amment izda jista' jikkonferma meta jara xi karti li ghandu d-dar. Ix-xhud qal li malli huwa hareg fuq *Injury Leave* huwa beda jibghat ic-certifikati medici darba fil-gimgha lill-*Employer* u dan fuq struzzjonijiet ta' skrivan tal-kumpanija jismu Dennis. Ix-xhud ipprezenta dokument relatat ma' Rapport Mediku Dwar L-Invalidita liema rapport igib il-firma ta' Dr. Frank Farrugia u datat 2 ta' Frar, 2015.

**Vincent Borg** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa wiehed mid-Diretturi tas-Socjeta' ntimata fejn spjega li huma jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni ta' toroq. Huwa qal li jaf lill-Appellant peress li kien jahdem maghhom bhala *labourer*. Ix-xhud irrakkonta kif darba waqt li kienu qed jaghmlu xoghol fi Triq il-Kosta fejn kienu qed iwittu bil-*paver* l-Appellant kien qallu li kien wegga' dahru. Ix-xhud qal li huwa kien offrielu li jwasslu d-dar izda dan irrifjuta ghax qallu li jista' jsuq. Ix-xhud qal li ghaddew tmien gimghat minn dan l-avveniment fejn l-Appellant ma dahalx xoghol u ma sema' xejn b'ahbaru u dan minkejja li diversi drabi kien icempillu kemm hu u anke huh Charles, fuq il-mobile fejn ma

jirrispondihx u l-anqas icempel lura. Huwa kompla li xi gimghatejn / erba' wara l-incident kienet marret ghandhom il-mara tal-Appellant u pprezentatilhom numru ta' certifikati medici *backdated* u ohrajn *forward dated*. Ix-xhud stqarr li c-certifikati medici waslu ghandhom wara li huma kienu diga' hadu d-decizjoni li jigi terminat l-impjieg tal-Appellant. Ix-xhud insista li huma kienu tterminawlu l-impjieg wara li kienu ilhom jippruvaw jikkuntattjawh bla success u huwa l-anqas ma kkuntattjahom, fejn allura huma fehmu li mhux gej aktar ghax-xoghol. Ix-xhud spjega li l-formola tat-tmiem tal-impjieg kienu baghtuha lill-Jobsplus fid-9 ta' Dicembru, 2014, u l-mara tal-Appellant kienet gabet ic-certifikati wara dik id-data. Huwa spjega li fit-*termination form* indikaw ir-raguni tat-tmiem tal-impjieg bhala rizenja ghaliex kien l-Appellant li qatt ma rega' dahal ghax-xoghol ghal xahrejn shah u huma fehmuha li kien irrizenja. Huwa tenna li d-data tar-*resignation* ghamluha 7 ta' Novembru, 2014.
Ix-xhud qal li wara li kienet giet il-mara tieghu bic-certifikati, hu u huh kienu kellmuh bit-telefon biex jekk irid jista' jaghmel xoghol ta' *watchman* u hu (l-Appellant) kien wiegbu 'issa nara'.
Dwar jekk lill-Appellant kinetx giet kommunikata lilu d-decizjoni li l-impjieg kien ser jigi mitmum, ix-xhud qal li huma kienu cemplulu izda qatt ma rrisponda t-telefon jew cempel lura. Huwa kkonferma li ma kienux infurmawh permezz ta xi ittra dwar dan.
Ix-xhud temm billi qal li wara li l-mara tieghu kienet giet bic-certifikati qatt ma kellhom kuntatt iehor min-naha tal-appellant.

**Charles Borg** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa Direttur tal-kumpanija u jkun il-hin kollu fuq il-lant tax-xoghol, fejn jiehu hsieb l-andament u jqassam il-haddiema fuq ix-xoghol.
Huwa qal li jaf lill-Appellant peress li kien hadem maghhom bhala manwal ghal madwar tlett xhur. Ix-xhud kompla li darba minnhom huh kien infurmah li l-Appellant kien qallu li kien qed ihoss ugiegh f'dahru, telaq minn fuq il-lant tax-xoghol u qatt ma rawh aktar.
Borg kompla li ghal gimghatejn shah kemm hu, huh u anke mill-ufficcju kienu jcemplu lill-Appellant fuq il-mobile tieghu biex jaraw jekk hux ser jerga' jirritorna ghax-xoghol.
Ix-xhud kompla li xi granet wara bdew gejjin ic-certifikati fejn xi whud minnhom kienu jkunu certifikazzjoni bil-quddiem.
Ix-xhud qal li wara dan l-avveniment kellhom informazzjoni li l-Appellant kien ghamel l-istess atteggjament ma' *employers* ohrajn. Ix-xhud semma lil John Bonavia u Attard Brothers.

**Joseph Saliba** bhala rapprezentant tal-Jobsplus ipprezenta kopja tat-*Termination Form* u spjega li din tindika d-data tat-terminazzjoni mill-impjieg u r-raguni tat-terminazzjoni. Huwa spjega li din il-formola kienet saret b'mod manwali fid-9 ta' Dicembru, 2014, u kienet dahlet ghand il-Jobsplus

minghand l-*Employer* u ggib id-data tal-11 ta' Dicembru, 2014, madwar xahar wara li gie terminat l-impjieg. Ix-xhud qal ukoll li din il-formola hija ffirmata biss mill-*Employer*. Huwa pprezenta ukoll l-*Employment History* tal-Appellant.

**Dr. Sean Apap Meli g**han-nom tad-Direttur Generali Sigurta Socjali fuq talba ta l-istess Tribunal ipprezenta dokumentazzjoni li tindika li ghall-perjodu 7/11/2014 sa 25/09/15, l-Appellant ircieva €5,358.18 bhala beneficcji mid-Dipartiment.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Massimo Vella** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda t-trattazzjoni tieghu billi qal illi filwaqt li kienet ghadha qed issir insistenza li t-tmiem tal-impjieg sehh waqt il-perjodu ta' *probation*, fir-rigward tal-mertu sostna li wara l-ahhar gurnata li l-Appellant hadem mall-kumpanija huwa sparixxa. Huwa qal li wara li ghal bosta granet, gimghat, min-naha tal-kumpanija ppruvaw jikkuntattjawh bla success permezz ta' telefonati, f'daqqa wahda jircievu telefonata minghand il-mara tal-Appellant fejn qaltilhom li zewgha (l-Appellant) ma kienx ser jerga' jidhol ghax-xoghol. L-Avv. Massimo Vella sostna li a bazi t'hekk l-Appellant kellu l-impjieg tieghu terminat, tenna li komportament ta' dan it-tip kien bla raguni, u ma kienx kaz ta' tkeccija b'mod kapriccuz, izda fil-verita' kien kaz ta' abbandun.
L-Avv. Massimo Vella qal li meta d-Diretturi ndagaw l-agir tal-Appellant sabu li din l-istess storja ghamilha ma' *Employers* precedenti tieghu.

**Avv. Simon Micallef Stafrace** ghan-nom tal-Appellant beda l-argumenti tieghu billi ttratta l-eccezjoni mqajjma mis-Socjeta' ntimata fir-rigward li din it-tkeccija saret waqt il-*probationary period.* Huwa sostna li primarjament irid jinghad li malizzjozament it-tmiem ta' dan l-impjieg gie dikjarat min-naha tal-*Employer* bhala rizenja. Dr. Micallef Stafrace qal li fl-andament tal-process din ir-raguni bdiet tigi spustata u beda jinghad li kien l-impjegat li abbanduna l-post tax-xoghol u dan tenna l-avukat meta d-Diretturi kienu jafu li l-Appellant kien wegga' fuq il-post tax-xoghol.
Dr. Micallef temm billi qal li huwa veru li l-ligi taghti l-fakulta' lil minn ihaddem li waqt il-*probation* jista' jtemm l-impjieg ta' haddiem anke minghajr raguni izda dan ma jfissirx li dan jista' jsir fic-cirkostanzi kollha.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dan it-Tribunal xtarr bir-reqqa dovuta kull dettall li hareg waqt dan il-process u b'mod partikolari dawn il-punti:

a) Nhar is-7 ta' Novembru, 2014, l-Appellant kellu ncident fuq il-post tax-xoghol u hareg fuq '*injury leave*'.
b) Nhar it-13 ta' Novembru, 2014, iddahhlet '*Injury report form*' fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali (Fergha B'Kara) relatata mall-incident riferut fuq, u fejn tali formola kienet iffirmata kemm mill-Appellant u anke mid-Direttur Vincent Borg.
c) It-'*termination form*' datata 9 ta' Dicembru, 2014, u li ggib il-firma ta' Vincent Borg Direttur tas-Socjeta' waslet ghand il-Jobsplus jumejn wara. Din il-formola tindika t-temm tal-impjieg tal-Appellant bid-data tas-7 ta' Novembru, 2014, u r-raguni bhala 'rizenja'.
d) Mill-*Employment History* tal-Jobsplus hemm indikat li l-impjieg tal-Appellant mas-Socjeta' ntimata kien bejn l-10 ta' Lulju, 2014, u s-7 ta' Novembru, 2014.
e) Certifikati medici mahrugin mill-*Consultant Physician* Dr. Frank Farrugia datati 12 ta' Jannar, 2015, u 2 ta' Frar, 2015, jindikaw li l-Appellant ma kienx fi stat fiziku li jahdem.
f) L-Appellant gie dikjarat '*Medically Boarded Out*' mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, allura mhux fi stat li jahdem l-ebda xoghol nhar il-25 ta' Settembru, 2015.

Fl-inkwadratura ta' dawn il-punti dan it-Tribunal jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:
Dwar it-terminazzjoni tal-impjieg waqt li l-impjegat kien ghadu fil-perjodu ta' *probation*, dan it-Tribunal jirreleva li Kap 452 Art.36 (15) jiddikjara b'mod car li: 'Kuntratt ta' servizz m'ghandux hlief bil-kunsens tal-impjegat, jintemm mill-principal matul xi perjodu ta' nkapacita' ghax-xoghol tal-impjegat kagunata b'korriment b'disgrazzja li tigri mill-impjieg u waqt l-impjieg jew minn xi mard li jigi mix-xoghol, li huma specifikati fl-Att dwar is-Sigurta' Socjali meta dan jigri fis-servizz ta' dak il-principal'.
Kumplimentari ma' dan, Leg. Suss. 452.101 Para4 (1)(d) jghid li 'Kull impjegat ghandu, mall-impjieg, jedd li jinghata mill-principal sa sena wahda *leave* b'pagi shah ghal korriment.....'.
Dwar din il-materja, l-istess Malta Employers Association *fl-Information Booklet* taghha taghti direzzjoni cara lill-*Employers* meta fil-pubblikazzjoni riferuta tghid : '*Since according to the EIRA the Employee injured is entitled to a maximum period of one year injury leave, than the Employee may not be terminated during the probationary period if the injury subsists for a longer period than that of the probation*'.
Matul dan il-process min-naha tas-Socjeta' ntimata zvolgew argumenti li xehtu dubju serju dwar jekk l-assenza tal-Appellant milli jidhol lura ghax-xoghol

minhabba allegat korriment in seguito ta' ncident fuq ix-xoghol kinetx wahda veritiera. Dwar is-sehh tal-incident Vincent Borg Direttur tas-Socjeta' ntimata ffirma, '*Injury report form*' li giet ipprezentata lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

Dwar jekk tenut kont ta' dan l-incident, l-Appellant kienx verament impedut b'mod fiziku milli jidhol ghax-xoghol, matul dan il-process, min-naha tal-kumpanija ma giet pronunzjata l-ebda prova li dan ma kienx il-kaz. Se mai ghas-sahha tal-argument kien biss min-naha tal-Appellant li gew ipprezentati certifikazzjonijiet medici li jindikaw li huwa kien inkapaci li jidhol lura ghax-xoghol wara l-incident. Is-Socjeta' ntimata setghet bid-dritt kollu tissottometti lill-Appellant bhala mpjegat taghha ghall-ezami mediku sabiex jigi verifikat l-istat fiziku tal-impjegat waqt il-perjodu ta' wara l-incident tas-7 ta' Novembru, 2015, jekk kellha xi dubji, izda din hija xi haga li hija ghal ragunijiet maghrufa minnha biss din ma ghamlitiex. Xi haga li pero' ghamel id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali fejn wara ezami mediku, l-Appellant gie dikjarat bhala '*medically boarded out*' b'sehh mill-25ta' Settembru, 2015.

Dan it-Tribunal assolutament ma setax jara logika fid-decizjoni tas-Socjeta' ntimata li fir-riferuta '*termination form*' li ntbaghtet minnha lill-Jobsplus iddikjarat id-data tat-tmiem tal-impjieg is-7 ta' Novemb,ru 2014, propju l-istess gurnata li d-Direttur taghha Vincent Borg iddikjara bil-firma tieghu li dakinhar l-Appellant kien wegga' waqt incident fuq il-lant tax-xoghol.

Matul dan il-process, min-naha tas-Socjeta' ntqal li din l-ispeci ta' stratagemma min-naha tal-Appellant 'fejn wara incident fuq il-post tax-xoghol, jghid li korra u jibqa' ma jidholx xoghol' ghamilha ma' *Employers* precedenti. Fir-rigward ta' dan, dan it-Tribunal josserva li fil-lista tax-xhieda mressqa mis-Socjeta' ntimata kien hemm indikati Ganni Bonavia Builders Ltd u Zahra Limited, pero' dawn qatt ma gew imsejjha.

Finalment dan it-Tribunal josserva li l-ahhar paga li kellu l-Appellant mas-Socjeta' ntimata kienet ta' €275 fil-gimgha u li bejn id-data tal-incident li huwa kellu u cjoe' is-7 ta' Novembru, 2014, u l-25 ta' Settembru, 2015, id-data ta' meta gie dikjarat mhux tajjeb ghall-ebda xoghol mid-DSS, kien hemm 46 gimgha. Dan it-Tribunal josserva wkoll li f'dak il-perjodu l-Appellant ircieva €5,358.16 f'beneficcji mid-Dipartiment riferut kif ukoll li ghall-istess perjodu l-Appellant inghata kreditu mid-Dipartiment a finijiet tan-*National Insurance Contributions* daqs li kieku huwa hallas il-bolol bhala kontribuzzjonijiet dovuti minnu.

- **Decizjoni**

Dwar l-eccezzjoni preliminari, t-Tribunal jaqta' li minkejja li d-durata tal-impjieg tal-Appellant mas-Socjeta' ntimata kienet biss ta' kwazi 4 xhur fejn allura f'cirkostanzi normali r-raguni tat-tmiem tal-impjieg kienet tkun sehhet waqt il-'*probation period'* u fejn kienet tkun accettata bhala legali, dan ma setax ikun meqjus hekk fil-kaz ittrattat, peress li d-data ndikata mis-Socjeta' ntimata bhala t-tmiem tal-impjieg tal-Appellant kienet waqt perjodu fejn l-istess Appellant kien inkapaci ghax-xoghol kagun ta' korriment b'disgrazzja waqt l-impjieg.

Tenut kont tac-cirkostanzi kif gew sponuti quddiem dan it-Tribunal waqt il-process jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg da parti tas-Socjeta' ntimata ma kinetx wahda gusta. Bhala kumpens gust qed jigi ffissat l-ammont ta' €6,027 li jrid jigi mhallas lill-Appellant mis-Socjeta' ntimata fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**